MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1181/2005

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) in rapprezentanza tas-socjeta' estera Societa' Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.A – S.I.A.T kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mark Muscat**

**Vs**

**Nadia Attard**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn u tletin lira Maltin u disghin centezmu (Lm230.90c) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku li gara fid-29 t'April, 2004 bejn il-vettura misjuqa mill-konvenuta Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni LCC 539 u l-vettura Peugeot

106 bin-numru tar-registrazzjoni CBK 109 proprjeta’ ta’ Mark Muscat u misjuqa minn Tonio Apap.

Ra illi l-konvenuta Nadia Attard, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-2 ta’ Novembru, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u tletin lira Maltin u disghin centezmu (Lm230.90c) bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------